bil-palelli, bil-qlugħ jew bil-mutur u x'aktarx mhux akbar minn 13-il metru, użat għal skopijiet ġenerali ta' fuq il-baħar kemm fix-xogħol u kemm fid-divertiment;
*ismijiet alternattivi* – biċċa, inġenju, mirkeb, opra, qoxra.

**Charles Briffa**

# IL-MALTI

## Kopji tas-snin mgħoddija għall-bejgħ

**Prezz:** Numru wieħed – 25c
Numru Speċjali – 50c
Żewġ/Tliet/Erba' numri flimkien – 50c

1939: Marzu, Settembru
1944: Gunju; Settembru; Dicembru
1945: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1946: Marzu; Settembru; Diċembru
1947: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1948: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1949: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1950: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1951: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1952: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1953: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1954: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1955: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1956: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1957: Marzu; Gunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1958: Marzu; Gunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1959: Marzu; Gunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1960: Marzu; Gunju/Sett.*(flimkien)*;Diċ.
1961: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1962: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1963: Marzu; Gunju (*Numru Speċjali R. Briffa*); Sett./Diċ.*(flimkien)*
1964: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1965: Marzu; Gunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1966: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1967: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1968: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1969: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1970: Marzu; Gunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1971: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1972: Marzu/Gunju *(Numru Speċjali N. Cremona)* Settembru; Diċembru
1973: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1974: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1975: Marzu; Gunju; Settembru; Diċembru
1976: Marzu; Gunju;
1977: Marzu; Gunju/Sett./Diċ. *(flimkien)*
1978: Marzu/Gunju/Sett./Diċ. *flimkien (numru wieħed biss)*
1979: Marzu/Gunju *(flimkien)*; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1980: Jannar/Diċembru *(numru wieħed biss)*
1981: Jannar/Diċembru *(Numru Speċjali G. Galea)*
1984: Jannar/Gunju *(Numru Speċjali Zieda mat Tagħrif)*

Ibgħat għall-kopji meħtieġa flimkien ma' ċekk għall-ammont ta' flus li jiswew il-kopji lis-**Sur Pawlu Mifsud (Tel: 40733). 24, Triq il-Linja tal-Ferrovija l-Qadima, B'Kara.**

# L-IŻVILUPP TAL-MALTI U L-KITBA TIEGĦU

Huwa bi pjaċir u b'ċertu sens ta' sodisfazzjon, li wieħed jara, il-lill-Malti u 'l-kitba tiegħu jiżdiedu, jissaħħu u jimxu 'l quddiem kif qegħdin. Illum, il-qari bil-Malti, kemm permezz tal-letteratura, kemm permezz tal-qari ta' ġurnali li daħal sewwa fost il-poplu, kif ukoll bil-kitba għat-tfal li trawwem pubbliku li jaqra, il-Malti daħal sewwa fil-moħħ tal-poplu u fil-kultura tiegħu ħafna iktar minn qatt qabel, taqta' xi ftit bigotti u anakronistiċi li għadhom marbuta mal-preġudizzji ta' l-antik.

Wieħed ma jistax ma jfakkarx ir-rabta qawwija li hemm bejn l-indipendenza u l-ħelsien politiku ta' poplu u l-iżvilupp ta' l-ilsien u l-kultura tiegħu. Dawn huma żewġ strumenti mill-aktar fejjieda li lill-poplu jagħtuh identità. Hekk ġara f'Malta tagħna: ħaġa li tqawwi 'l-qalb ta' kull wieħed minna, għax jara li bl-indipendenza nazzjonali u l-ħelsien mill-barrani, qiegħda tiżviluppa ruħha kultura ġdida Maltija u lsienna, l-Ilsien Malti, qiegħed jissaħħaħ, jissoda u jimxi 'l quddiem. Dan jassigurana li l-ilsien Malit żgur mhux ser imut - għall-inqas fiż-żmien li nistgħu nbassru, – u anqas baqagħlu l-bżonn ta' min jinfurzah b'liġijiet fuq il-poplu bħal xi pajjiżi u nazzjonijiet oħra, jew bħalma kien il-każ qabel.

Dan ma jnaqqasx mill-fatt li ħafna Maltin, u forsi iktar minn qatt qabel, iħossu l-bżonn li jkunu jafu jitkellmu, u anke forsi jaqraw u jiktbu, ilsna barranin. Il-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika stess tirrikonoxxi 'l-Malti u 'l-Ingliż bħala ilsna uffiċjali ta' pajjiżna, u 'l-Ingliż, barra li hu mitkellem, mismugħ, moqri u miktub ħafna, jiġi mgħallem fl-iskejjel lit-tfal kollha sa mill-ewwel snin. Deħlin ukoll influwenzi qawwija mit-Taljan permezz tat-televiżjoni, tal-kummerċ u ta' l-ivvjaġġar. U dieħla wkoll, sa ċertu punt, influwenza sottili Għarbija – għalkemm din għadha ma tidhirx u ma tinħassx daqs l-oħrajn – bl-orizzonti ġodda li fetħet is-soċjetà Maltija lejn kulturi barranin. Fl-aħħarnett, u mhux l-inqas, il-livell soċjo-kulturali tal-Maltin għola ħafna f'dawn l-aħħar żminijiet; il-kittieba u l-istudjużi tagħna fetħu moħħhom lejn kulturi u ilsna ġodda; il-poplu nfatam mid-dipendenza kulturali minn ilsna barranin imposti fuqu minn amministrazzjonijiet barranin – u llum qiegħed f'kuntatt ma', u japprezza iktar, kulturi u ilsna oħra mingħajr ma jrid jitlef, jew ibaxxi, l-ilsien u l-kultura ta' art twelidu.

Imħabba dan kollu, fl-istess ħin, l-ilsien Malti, bħall-ilsna ħajjin kollha, qiegħed bil-mod il-mod ukoll jitbiddel. Jitbiddel biż-żieda ta' kliem, espressjonijiet, idjomi, sintassi u ħsieb li hu jdaħħal mill-ilsna barranin l-iktar li jogħġbuh, qiegħed f'kuntatt magħhom u